MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2008

Numru 1255/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**
**V**

**JASSEM AL TAHER**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JASSEM AL TAHER** ta' hamsa w ghoxrin sena ta’ nazzjonalita Libjana, bin Jamal Al Ijili Al Taher u Josephine nee Borg, imwieled l-Libja, nhar l-wiehed u tletin ta’ Jannar 1983 u residenti 177, ‘Marija’, Triq s-Swieqi, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita numru 122200L, gie mressaq quddiemha nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2008 akkuzat talli:

1. f’dawn il-Gzejjer, nhar s-sbatax ta’ Dicembru 2008, ghal habta ta’ nofs il-lejl neqsin ghaxra minn gewwa ‘Qube’ li jinsab fi Triq Santa Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta’ mobile cellulari tal-marka ‘Sharp’, ta’ wiehed u tmenin Euro fi flus kontanti w oggetti ohra, liema

valur ma jeccedix l-ammont komplessiv ta’ mitejn tlieta w tletin Euro, ghad-dannu ta’ Maria Galea, liema serq huwa aggravat bil-hin;

2. talli f’dawn il-Gzejjer, nhar i-tmintax ta’ Dicembru 2008, ghal habta ta’ nofs il-lejl neqsin ghaxra minn gewwa ‘Bar Native’, li jinsab fi Triq Santa Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta’ mobile cellulari tal-marka ‘Sharp’, ta’ kamera digitali tal-marka HP, ta’ mija u hamsin Euro fi flus kontanti w oggetti ohra, liema valur ma jeccedix l-ammont komplessiv ta’ mitejn tlieta w tletin Euro, ghad-dannu ta’ Elaine Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin.

3. talli hu rrenda ruhu recidiv b’sentenza moghtija nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Gunju 2008 mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-fedina penali tal-imputat, l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, l-okkorrenzi relattivi, l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar t-tmintax ta’ Dicembru 2008, l-kundizzjonijiet tal-bail moghtija fil-konfront tal-imputat u l-kunsens tal-Avukat Generali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerġa lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fattur rigwardanti l-piena u cioe l-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 281, 49, 50 u 280(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ssib lil imputat JASSEM AL TAHER hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddecidi li tikkundannah ghal perjodu ta’ prigunerija ta’ sena (1) effettiva.**

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lild-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex jaghti kull assistenza lil hati sabiex jghinu jgheleb l-problemi li ghandu dwar droga w alcohol.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------